**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

Frott Iż-Żebbuġ Isml

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 06/16 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | | |
| **Data** | 27/06/16 fis-6.30pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | | Amanda Abela | Skużata minħabba xogħol |
| | | Joan Agius | Preżenti |
| | | Claude Camilleri | Skużat minħabba safar |
| | | Raymond Caruana | Preżenti |
| | | Sean Chircop | Preżenti |
| | | Stephania Fenech | Preżenti |
| | | Joseph Hales | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |
| **Preżenti** | | L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ | Laura Caruana |

**06. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 1. 1 | | Proponent: Agius<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 05/16 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet: | |
| | 05.9.23 | Wara l-kelma 'proposta', jidħlu l-kliem 'li kienet saret'. | | |
| 06. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**06. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06 2 1 | 05.2.1 | Hales: Zebra Crossing fi Triq Dun Lawrenz Degabriele | Hales qal li s-sitwazzjoni għadha ma nbidilitx. Jingħata rapport meta din tinbidel. | Hales |
| 06 2 2 | 05.2.4 | Hales: Traffic management - Triq l-Isqof Emm Galea | Hales qal li s-sitwazzjoni għadha ma nbidilitx. Jingħata rapport meta din tinbidel. | Hales |
| 06 2 3 | 05.2.5 | Hales: Mirja - Triq Ħal Tarxien | Hales irraporta li dawn ġew imwaħħla | Hales |
| 06 2 4 | 05.2.7 | Hales: Traffic Management - Triq il-Qadi | Hales qal li z-zebra crossing hi approvata li ssir bejn Triq l-Isqof Emm. Galea u Triq il-Bettieħ u mhux kif ġie indikat fl-aħħar laqgħa. | Hales |
| 06 2 5 | 05.2.12 | Hales: One way Triq San Duminku | Hales informa l-Kunsill li l-approvazjoni għadha ma waslitx. Jingħata rapport meta din tasal. | Hales |
| 06 2 6 | 05.2.16 | Hales: DYL fil-kantunieri fi Triq l-Isqof Alpheran de Bussan | Hales qal li s-sitwazzjoni għadha ma nbidilitx. Jingħata rapport meta din tinbidel. | Hales |
| 06 2 7 | 05.2.19 | Hales: Tindif ta' listemma fi Vjal 25 ta' Novembru | Hales informa l-Kunsill li dan ix-xogħol tlesta. | Hales |
| 06 2 8 | 05.2.21 | Hales: Parking bays fi Triq Frank Ghio | Hales qal li s-sitwazzjoni għadha ma nbidilitx. Jingħata rapport meta din tinbidel. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 2 | 9 | 05.2.23 | Hales: Centre Line fi Vjal 25 ta' Novembru | Hales qal li s-sitwazzjoni għadha ma nbidilitx. Jingħata rapport meta din tinbidel. | Hales |
| 06 | 2 | 10 | 05.2.28 | Hales: Warning Sign ta' No left turn fi Triq l-Isqof Antonio Zahra | Din twaħħlet. Jonqos li titwaħħal tabella 60m li tindika d-distanza. | Hales |
| 06 | 2 | 11 | 05.2.29 | Chircop: Kors ta' l-Inbid | Chircop irraporta li għal dan il-kors kellna attendenza tajba fejn kien hemm 40 parteċipant li minnhom 25 ingħataw ċertifikat peress li dawn attendew għat-tliet sessjonijiet. | Chircop |
| 06 | 2 | 12 | 05.2.31 | Hales: Traffic Signs fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | Din għadha pendenti. Jingħata rapport meta dawn ikunu lesti. | Hales |
| 06 | 2 | 13 | 05.3.6i | Agius: Skema Persuni b'Diżabilita' | Agius staqsiet dwar il-progress ta' din l-iskema. Is-Sindku spjega li ntagħżel is-Sur Brincat iżda dan ġie offrut full time job u għaldaqstant irrifjuta impjieg mal-KL Żejtun fuq bażi part-time. | Sindku |
| 06 | 2 | 14 | 05.7.1 | Agius: Flyers - Korsijiet tas-Sajf | Agius irrapurtat li għadu għaddej it-tqassim tal-flyers tal-korsijiet tas-sajf. Hi qalet li ta' TCTC waslu tard u tqassmu wkoll bil-posta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li diġa' ħadna ħsieb din is-sitwazzjoni u l-Kunsill mhux ser iħallas tat-tqassim li sar bil-posta. | |
| 06 | 2 | 15 | 05.8.2 | Hales: Traffic Management f'Misraħ Ta' Pizzuta | Saret talba lil TM għall-approvazzjoni. Jingħata rapport meta din tasal. | Hales |
| 06 | 2 | 16 | 05.9.4 | Chircop: Accounts tal-Manuċċa CDCC | Chircop staqsa jekk kienx hemm żball dwar il-figura ta' Eur10,000 peress li meta tnaqqas il-figuri kif pubblikati dawn ma jammontax għal dan l-ammont. Is-Sindku talab li ssir verifika. | Sindku Agius |
| 06 | 2 | 17 | 05.9.5 | Fenech: Skate park | Fenech irrapurtat li hemm iktar biċċiet mill-iskate ramp li għandhom bżonn xi manutenzjoni. | Fenech |
| 06 | 2 | 18 | 05.9.6 | Fenech: Tender 01/16 Provision & Installation of Artificial Turf | Fenech qalet li t-tender tinsab online. Is-Segretarju spjega li din il-ġimgħa tagħlaq u din id-darba hemm proċess differenti għall-ftuħ tat-tender peress li kollox irid isir online. Fenech infurmat lill-Kunsill li nhar it-22 ta' Lulju ser issir attivita' ħdejn il-ħajt ta' Ġnien iż-Żgħożija u talbet sabiex il-ħajt jinżebah. | Sindku Fenech Segretarju Eżekuttiv |
| 06 | 2 | 19 | 05.9.7 | Fenech: Aerobics Session | Fenech infumat lill-Kunsill li ser isiru sezzjonijiet ta' aerobics u nutrition. Il-Viċi-Sindku ssuġġeriet li jsir reklam fuq il-website tal-Kunsill. | Fenech |
| 06 | 2 | 20 | 05.9.8 | Chircop: Sleeping Policeman fi Triq A. Cachia Zammit | Chircop staqsa meta ser jitwaħħlu s-sleeping policeman. Fenech staqsiet jekk sarx xi ħaġa. Hales qal li qed nistennew risposta mingħand TM. | Sindku |
| 06 | 2 | 21 | 05.9.9 | Hales: Traffic Management fi Triq Toni Zahra f'salib it-toroq ma' Triq Ħal Tarxien u Triq Santa Katerina | Saret talba lil TM għall-approvazzjoni ta' Traffic Management ġdid kif suġġerit mill-Koperattiva Koptasin. Jingħata rapport meta din tasal. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 2 | 22 | 05.9.10 | Fenech: Triq Xrobb l-Għaġin | Fenech ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-problema li għandhom ir-residenti biex joħorġu minn djarhom f'din it-triq. Ġie issuġġeriet li ssir crash barrier. Is-Sindku issuġerixxa li r-residenti jieħdu ritratti sabiex jigi evidenzjat il-periklu u nibgħatuhom TM. | Sindku |
| 06 | 2 | 23 | 05.9.12 | Chircop: Attivitajiet | Chircop irraporta li din is-sena l-attivita' Arti fil-Beraħ saret b'format ġdid li ntlaqa' tajjeb ħafna fejn ħadu sehem nies li jaħdmu l-bizzilla li, propju dakinhar kien jaħbat il-Jum Internazzjonali tal-Bizzilla. It-treasure hunt ġiet posposta. Il-Kompetizzjoni tal-Inbid u l-Lejla Mużiko Letterarja ser issir fil-5 ta' Lulju. Is-Sindku talab sabiex tinġieb stima tal-lettering nieqes li hemm mal-monument tal-Budaj. | Chircop |
| 06 | 2 | 24 | 05.9.13 | Chircop: Bandli fi Ġnien San Girgor | Chircop ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-periklu għadu ma tneħħiex. Is-Sindku talab li tiġi ordnata ż-żurżieqa filwaqt li l-merry go round tinxtara iktar tard. | Sindku |
| 06 | 2 | 25 | 05.9.15 | Hales: Parkeġġ fi Triq Ġużeppina Curmi | Din għadha pendenti. Jingħata rapport meta dan ikun lest. | Hales |
| 06 | 2 | 26 | 05.9.18 | Chircop: Twaħħil ta' prints ma' street furniture | Chircop irrimarka li t-twaħħil ta' prints fuq street furniture tal-Kunsill minn xi ħadd mhux magħruf għadha ssir. | |
| 06 | 2 | 27 | 05.9.19 | Caruana: Twaħħil ta' dustbins | Caruana staqsa meta ser jitwaħħlu l-bins. Hales spjega li qed nistennew li dawn jiġu provduti mid-Dipt. Għall-Indafa Pubblika. | Sindku |
| 06 | 2 | 28 | 05.9.20 | Caruana: Festa | Caruana tkellem dwar il-ħmieġ li kien hemm f'Misraħ Diċembru XIII fil-ġimgħa tal-festa. Huwa qal li r-residenti huma mdejjqin u li saħansitra hemm min qed jitlaq barra ż-Żejtun tul din il-ġimgħa. Huwa semma każ fejn sid ta' kiosk tefa' żejt ma' l-art. Hales qal li dan ġie individwalizzat u ħallas multa ta' Eur300. Caruana talab li dan il-permess jiġi revokat. | |
| | | i | | | Hales spjega kif isir it-tindif. Is-Sindku talab sabiex jiżdiedu n-nies li jnaddfu u li dan għandu jitlesta sas-6am anke jekk dan ser jiswa iktar flus. Is-Sindku irringrazja lil Hales għax-xogħol li sar fuq l-istalls u t-tindif. Chircop talab sabiex jiżdiedu skips żgħar kif ukoll isir it-tindif fir-rotta ta' kull marċ. | |
| | | ii | | | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex nitkellmu mal-Pulizija ħalli l-għeluq ta' toroq jitnaqqas filwaqt li Fenech talbet sabiex Vjal 25 ta' Novembru tingħalaq sew minn fejn Tarcisio Cassar u jindika li ċ-ċentru taż-Żejtun huwa magħluq. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | iii | | | Caruana staqsa jekk it-toqob li saru fiċ-Ċentru tal-lokal ġewx għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku spejga li l-ħofor li saru mill-Kunsill kienu biss 9 f'Misraħ Wistin Abela. | |
| | | iv | | Sindku: Inċident fuq tifel waqt il-festa | Is-Sindku rrefera għall-inċident li seħħ fuq tifel fejn ġarrab ħruq f'saqajh kawża ta' trikki trakki. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ilu snin jagħmel kundizzjoni sabiex fil-lokalita' ma jsirx bejgħ ta' sting bombs, fire crackers etc. Jidher ċar li kien hemm bejgħ ta' dawn l-affarijiet. Skont artiklu li deher fil-ġurnal it-Times, dawn l-affarijiet huma mal-liġi. **Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Awtoritajiet sabiex nuruhom li dawn huma perikolużi.** | |
| 06 | 2 | 29 | 05.9.21 | Hales: Mirja fi Triq Wied il-Għajn | Din għadha pendenti. Jingħata rapport meta dan ikun lest. | Hales |
| 06 | 2 | 30 | 05.9.22 | Agius: Attivitajiet | Agius irrapurtat li ttellgħet attivita' bl-isem positive thinking message fejn twaħħlu madwar 200 sticker b'messaġġ pożittiv ma' karozzi miktuba miż-żagħżugħ Andre' Mifsud. | Agius |
| | | i | | | Agius infurmat lill-Kunsill li twaħħlu l-fjuri mal-kanċelli taċ-ċimiterji fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier. Tħejjew cards għal din l-okkażjoni mit-tfal tal-kids club li tqassmu lill-missirijiet li jinsabu fid-Dar taż-Żejtun. | Agius |
| 06 | 2 | 31 | 05.9.25 | Viċi-Sindku: A+ | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi min ħa l-premju. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Segretarjat |
| 06 | 2 | 32 | 05.9.26 | Viċi-Sindku: EU Funding session | Il-Viċi-Sindku attendiet għal din is-sezzjoni ta' informazzjoni fejn ġie konkluż li sabiex ningħataw għajnuna irid ikun maħsub proġett. | |
| 06 | 2 | 33 | 05.9.27 | Viċi-Sindku: Żjara f'SVDP | Il-Viċi-Sindku rrapurtat iż-żjara li għamlet lill-anzjani Żwieten li għamlet f'SVDP li dawn jammontaw għal 52. | Viċi-Sindku |

**06 3 Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML06/16. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 3 | 1 | 1 | MEPA: PA2473/16 | **Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-PA li, għandu jinżamm il-karatteristika ta' l-inħawi.** | Sindku |
| 06 | 3 | 2 | 08 | Uffiċċju Elettorali: Ismijiet ġodda ta' toroq | Inqrat l-ittra ta' l-Uffiċċju Elettorali fejn innota li Mogħdija Tarċisju Cassar ġiet approvata filwaqt li Triq Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca ma ġietx approvata. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 3 | 3 | 09 | Halmann: Patterned Tiles | Is-Segretarju informa lill-Kunsill li madwar xahrejn jew tlett xhur oħra Halmann ser ikollu l-istess pattern ta' madum li l-Kunsill jixtieq. | |
| 06 | 3 | 4 | 11 | TM: Reserved Parking Bay | Il-Kunsill innota li TM approvat communal reserved parking bay viċin l-iskola sekondarja fi Triq Luqa Briffa. | Viċi-Sindku |
| 06 | 3 | 5 | 12 | TM: Triq Dun Lawrenz Degabriele | Il-Kunsill innota li TM approvat li minn Triq Dun Lawrenz Degabriele ma jgħaddux vetturi kbar. | Hales |
| 06 | 3 | 6 | 13 | Amanda Abela: Re-imborz ta' allowance għal safar fi Strasbourg | Il-Kunsill iddiskuta din il-korrispondenza u qabel li jġib pożizzjoni ċara dwar il-każ. | Segretarjat |

**06. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 4 | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/16 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarju |
| 06 | 4 | 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 06/16 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 06/16 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarju |
| | | | | **Il-Kunsill approva wkoll il-ħlas ta' Eur130 lil Ms Angela Bartolo għall-fjuri li pprovdiet waqt attivita' tas-Sotto Kumitat għall-Anzjani.** | | |
| 06 | 4 | 3 | | Talbiet għal Xiri Seduta 06/16 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju |
| 06 | 4 | 4 | | Petty Cash - Mejju 2016 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Mejju hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €153.33.** | Segretarju |

**06. 5. Resurfacing ta' toroq Triq Palma/Triq l-Għannejja/Triq Tavlin**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 5 | 1 | | | Fenech issuġeriet li l-mogħdija bejn Triq l-Għannejja u Triq Vendome issir pedestrianised. | Hales |
| 06. | 5 | 2 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-konkos li sar fi Triq Palma irnexxa. Bi pjaċir il-Kunsill innota li dawn it-toroq tlestew għas-sodisfazzjon ta' kulħadd. | |

**06. 6. Żejt iż-Żejtun 2016**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 6. | 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku spjega li issa li għaddiet il-festa tal-lokal, il-Kunsill ser jibda jaħdem għall-attivita' Żejt iż-Żejtun. | |

**06. 7. Triq Kanonku Giovanni de Domenico**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 7. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rnexxilna nġibu prezz tajjeb għall-konkos tal-5 pulzieri bħal dak tal-black top għal din it-triq. | Sindku |

**06 8** **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06 8 1 | | Għal din il-laqgħa ma kienx hemm mozzjonijiet. | | |

**06. 9.** **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06 9 1 | | Sindku: Triq A Cachia Zammit | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ħarġet it-tender ta' ilma u drenaġġ għal Triq A Cachia Zammit. Din tagħlaq fil-21 ta' Lulju. Ix-xogħol ser jieħu 10 xhur biex jitlesta. | Sindku |
| 06 9 2 | | Sindku: Arblu ħdejn il-Kappella ta' San Niklaw | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li beda x-xogħol biex jitmexxa l-arblu viċin il-Kappella ta' San Niklaw. Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar triq perikoluża biex toħroġ minnha bil-karozza fejn il-kappella ta' Santa Marija ta' Ħal Tmim. Hija talbet sabiex din it-triq issir one way minn Triq Wied iz-Ziju. | Hales |
| 06 9 3 | | Sindku: Proġett Ilma għall-Bdiewa | Is-Sindku rraporta li skont ġurnal lokali l-proġett ta' Eur36 miljun għall-ilma tas-saqwi għall-bdiewa inbeda. Ser jitqegħdu l-pajpijiet li minnhom ikun jista' jitqassam l-ilma lill-bdiewa. Il-Kunsill qabel li niktbu ittra ta' ringrazzjament lill-Onor.K. Mizzi. | Sindku |
| 06 9 4 | | Hales: Disposal items | **Il-Kunsill qabel li jiddisponi minn monitor, keyboard u measuring reel li m'għandhomx tajbin għal użu tal-Kunsill.** | Segretarju Eżekuttiv Hales |
| 06 9 5 | | Fenech: Rampa ħdejn il-Palazz Aedes Danielis | Fenech ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill każ ta' persuni fuq is-siġġu tar-roti li għandhom bżonn rampa fejn il-Palazz Aedes Danielis. Is-Sindku staqsa dwar r-reserved parking quddiem l-Għassa u qal li ser jara x'jista' jsir minħabba r-rampa. | Sindku Hales |
| 06 9 6 | | Fenech: Talba għal one way | Fenech ġibdet l-attenzjoni dwar sewqan abbużiv fi Triq Ħal Bajda. | Hales |
| 06 9 7 | | Fenech: Attivitajiet | Fenech infurmat li ser isiru dawn l-attivitajiet: 28.06 Isle of MTV, 01/07 Pool Party, 8/9.7 Live-In & 22/07 attivita' Sk8 Park the Wall. | Fenech |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 9 | 8 | Chircop: Triq Toni Zahra | Chircop talab sabiex issir sleeping policeman fi Triq Toni Zahra minħabba t-tlielaq tal-karozzi li jsiru f'din it-triq. Is-Sindku qal li din tqajjmet mal-pulizija u kien issuġġerit li ssir roundabout. | Sindku |
| 06 | 9 | 9 | Chircop: Skart barra l-Bring in sites | Chircop ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar skart li qed ikun hemm barra l-bring in sites. Hales spjega li meta jkun hemm domestic waste dan jinġabar mill-kolletturi tal-iskart filwaqt li l-kenniesa, 3/4 darbiet fil-ġimgħa jinkinsu u jneħħu l-affarijiet li jkun hemm madwarhom. | Hales |
| 06 | 9 | 10 | Chircop: Greenpak | Chircop staqsa jekk il-Greenpak jistgħux ibattlu affarijiet minn scammel għal ieħor fil-Pjazza tas-Suq. Hales spjega l-proċedura bejn l-iscammels. | Hales |
| 06 | 9 | 11 | Chircop/Fenech: Pageant of the Seas | Chircop irraporta li fis-7 ta' Ġunju ħadu sehem fil-Paegant of the Seas li fiha ġew fis-7 post minn 20 filwaqt li s-sotto kumitat ta' ambjent u sports ġew is-16 -il-post. | Chircop Fenech |
| 06 | 9 | 12 | Caruana: Qtugħ ta' ħaxix | Caruana talab sabiex isir qtugħ ta' ħaxix minn mal-bankini fit-toroq ta' wara l-knisja. | Hales |
| 06 | 9 | 13 | Caruana: Żbir ta' siġar | Caruana talab sabiex isir iż-żbir ta' siġar fi Triq l-Isqof Emm Galea ħdejn il-flats kif ukoll ħdejn il-barumbara f'Ġebel San Martin | Hales |
| 06 | 9 | 14 | Caruana: Isem ta' Triq Ħerba | Caruana talab sabiex isir it-twaħħil ta' isem ta' Triq Ħerba. Hales qal li se tiġi ordnata fiż-żmien immedjat. | Hales |
| 06 | 9 | 15 | Caruana: One way Triq Santa Marija (minn quddiem l-Għassa) | Caruana ġab quddiem il-Kunsill il-każ ta' sid ta' garaxx li qala' ċitazzjoni għax kien qed idaħħal il-karozza tiegħu fil-garaxx kontra l-one way. Caruana talab sabiex il-one way tinqaleb. Hales spjega li l-one way saret hekk fuq talba tal-Pulizija. Is-Sindku qal li l-istess problema tinsab fi Triq Sant'Emidju. | Hales |
| 06 | 9 | 16 | Caruana: Un/loading wara l-Knisja | Caruana talab sabiex issir un/loading bay wara l-Knisja. Is-Sindku talab sabiex min iħoss li għandu jkollu un/loading bay, għandu jikteb lil TM. | |
| 06 | 9 | 17 | Caruana: Restawr tal-fanali ta' fuq iz-zuntier | Caruana talab sabiex il-Kunsill jagħmel xogħol ta' restawr fuq il-fanali taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali. Is-Sindku spjega li dawn huma propjeta' tal-Knisja. | |
| 06 | 9 | 18 | Agius: Żjara fiċ-CDCC mill-Ministru Dr Owen Bonnici | Agius infurmat lill-Kunsill li l-Ministru Dr Owen Bonnici għamel żjara fil-Manuċċa Day Care Centre nhar it-8 ta' Ġunju. | Agius |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 9 | 19 | Agius: Attivitajiet | Agius infurmat lill-Kunsill li ser isiru dawn l-attivitajiet: 1.7 Gvern li jisma li ser ikun qed jitratta t-tema tal-Kunsilli Lokali fis-6.45pm f'Kastilja. Il-Kunsilliera huma kollha mistiedna; 9.7 Gurnata Sqallija; 6.7 Kids Club kull nhar ta' Erbgħa bejn il-5-7pm; 6.8 Agriturismo; 12.8 Gurnata Għawdex; 20.8 Splash & Fun; 26.8 Festa Sajf. Ser isiru wkoll 2 country nights ġewwa l-Buskett Roadhouse. | Agius |
| 06 | 9 | 20 | Sindku: Timer tal-funtana | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk it-timer tal-funtana ta' Ġnien San Girgor, sarx. Is-Sindku nkariga lill-Kunsillier Hales sabiex jiċċekkja. | Hales |
| 06 | 9 | 21 | Agius: Tindif tal-Ġnien | Agius staqsiet min ser jagħmel it-tindif tal-Ġnien peress li s-Sur Joseph Spiteri spiċċa bil-pensjoni. | Hales |
| 06 | 9 | 22 | Agius: Fanal nieqes Triq il-Kunċizzjoni | Agius ġibdet l-attenzjoni fuq fanal nieqes minn fuq 42, Triq il-Kunċizzjoni. Is-Sindku spjega li dan inqala biex issir manutenzjoni fuq il-fanal u ma twaħħalx għandu għandu bżonn bracket speċjali peress li dan jinsab f'kantuniera. | Sindku |
| 06 | 9 | 23 | Viċi-Sindku: One way Triq l-Arċipriet Degabriele /Triq Dun Ġwann Tabone. | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar sinjal tal-one way li ma tantx jidher f'din iż-żona. Hales spjega li hemm vleġġa mandatorja li turi dan. | Hales |
| 06 | 9 | 24 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser isiru dawn l-attivitajiet: 01.7, 08.7 tombla għall-anzjani ġewwa ż-Żejtun Home flimkien mal-Kunsillieri Fenech u Chircop. Jista' jkun li dawn id-dati jinbidlu minħabba xi diffikultajiet li qed jinqalgħu. Fid- 19.7 ser isiru BBQ għall-persuni b'diżabilita' ir-Ramla ta' San Tumas. | Viċi-Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.30pm. Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa, 20 ta' Lulju, 2016 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

iffirmati
Sindku

iffirmati
Segretarju Eżekuttiv